MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 44/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 621/10 fl-ismijiet:**

**JJ Scerri Company Limited (C-19742)**

**Vs**

**Paul Gatt (I.D. Nru. 470459M) u Rita Gatt (I.D. Nru. 268659M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Rita Gatt fil-15 ta' Frar 2010 permezz ta' liema wara li ppremettiet illi jissussistu cirkostanzi sabiex il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 ottenut mis-socjetà JJ Scerri Company Limited fil-konfront taghha u ta' Paul Gatt jigi revokat fil-konfront taghha ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi bejnha u Paul Gatt jezisti r-regim tas-separazzjoni tal-beni u dan in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat 26 ta' Nobembru

1993, fejn a tenur tal-Klawsola Numru 8 ta’ l-imsemmi kuntratt Rita Gatt assumiet ir-responsabbiltà fil-konfont ta’ terzi ghal djun u obbligi maghmula minn zewgha Paul Gatt sas-26 ta’ Novembru 1993 u li ghalhekk obbligi li gew assunti minn Paul Gatt wara tali data huma estraneji ghaliha, talbet lil din il-Qorti sabiex a tenur ta’ l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna r-revoka fil-konfront taghha tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 fl-ismijiet premessi, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-Digriet Taghha tat-18 ta’ Novembru 2010 fejn ordnat li r-Rikors ta’ Rita Gatt jigi notifika lis-socjetà JJ Scerri Company Limited u lil Paul Gatt, kull wiehed minnhom bi zmien sebat (7) ijiem ghar-Risposta, u appuntat l-istess Rikors ghas-smigh ghall-4 ta’ Marzu 2010 fin-12:30p.m.;

Rat illi kemm is-socjetà JJ Scerri Company Limited kif ukoll Paul Gatt gew debitament notifikati bir-Rikors ta’ Rita Gatt izda, ghas-seduta ffissata ghas-smigh tar-Rikors deheru biss l-istess Rikorrenti u s-socjetà JJ Company Limited;

Rat illi b’Nota pprezentata fis-26 ta’ Frar 2010 is-socjetà JJ Scerri Company Limited esponiet il-posizzjoni taghha fir-rigward tat-talba ta’ Rita Gatt, fejn essenzjalment iddikjarat illi wara li rat ir-Rikors ta’ Rita Gatt u l-kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat 26 ta’ Novembru 1993, ma ghandha ebda oggezzjoni li l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 jigi revokat fil-konfront ta’ Rita Gatt. Iddikjarat ukoll li kieku giet infurmata direttament bic-cirkostanzi esposti fir-Rikors ta’ Rita Gatt ma kien ser ikollha ebda ezitazzjoni sabiex tiffirma d-debitu kontro-mandat fil-konfront ta’ l-istess Rita Gatt. Is-socjetà JJ Scerri Company Limited iddikjarat ukoll illi ma ghandha ssofri ebda spejjez, la ghal dawn il-proceduri u lanqas ghall-hrug tad-debitu kontro-mandat fil-konfront ta’ Rita Gatt u dana billi fil-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 hija strahet fuq id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1321 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’

Malta li jaghti l-prezunzjoni li l-beni, u b'hekk anke d-djun, ta' persuna mizzewwga, ghandhom jitqiesu li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti fiz-zwieg taghha;

Rat illi Paul Gatt b'Nota pprezentata fil-15 ta' Marzu 2010 iddikjara li ghalkemm gie notifikat bir-Rikors ta' Rita Gatt ghazel li ma jwegibx ghall-istess;

Rat l-atti kollha tar-Rikors inkluz il-fotokopja tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10, Dok. "A" a fol. 2 sa' 4 tal-process, u l-vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat 26 ta' Novembru 1993, Dok. "B" a fol. 5 sa' 7 tal-process;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' Rita Gatt u tas-socjetà JJ Scerri Company Limited waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2010;

**Ikkunsidrat:**

Ir-Rikorrenti Rita Gatt tikkontendi li fil-kaz in ezami jissussistu cirkostanzi li juru li ma jkunx ragonevoli u ma huwiex gustifikabbli li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 ottenut mis-socjetà JJ Scerri Company Limited fil-konfront taghha u ta' Paul Gatt in kawtela tas-somma komplessiva ta' erbat elef mitejn u sittax-il Euro u sitta u tmenin centemzu (€4,216.86), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-sewkestrati mis-socjetà sekwestranti, inkluzi l-imghax legali u spejjez giudizzjarji, jinzamm fis-sehh fil-**konfront taghha** u ghalhekk titlob li a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju jigi revokat fil-**konfront taghha**.

Ic-cirkostanzi li tibbaza ruhha fuqhom ir-Rikorrenti jemanaw minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat 26 ta' Novembru 1993 – Dok. "B" a fol. 5 sa' 7 tal-process – konkluz bejn l-istess Rikorrenti u Paul Gatt in forza ta' liema *inter alia* itterminaw u xoljew b'effett mid-data ta' l-imsemmi kuntratt l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom minn dakinhar li huma zzewgu (26 ta'

Awissu 1983) sad-data tal-kuntratt u b'konsegwenza ta' hekk stipulaw bejniethom is-sistema patrimonjali tas-separazzjoni tal-beni b'effett mid-data ta' l-istess imsemmi kuntratt.

Bis-sahha tal-kuntratt in kwistjoni Paul Gatt in oltre accetta *li x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti qieghda ssir minhabba s-sitwazzjoni dizordinata tieghu, u ghar-raguni li l-imgieba tieghu dwar l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti gabet hsara u setghet tipperikola l-interessi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, tal-familja, u tal-komparenti Rita Gatt. Minhabba fir-responsabilità tieghu sal-lum dwar hekk fil-konfront tal-komparenti Rita Gatt, il-komparenti Paul Gatt qieghed jassenja u jittrasferixxi in piena proprjetà b'titolu ta' datio in solutum u in piena u assoluta sodisfazzjoni tar-responsabbiltà tieghu sal-lum, lill-komparenti Rita Gatt, li taccetta u takkwista bl-istess titolu, id-dar numru hamsa u sebghin (75), jisimha "Rose", f'Polverista Street, Cospicua, kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' zewg liri Maltin (Lm2) bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha – tal-valur din id-dar ta' tlett elef u hames mitt liri Maltin (Lm3,500).*

Ai termini tal-Klawsola Numru 8 ta' l-imsemmi kuntratt *il-komparenti Rita Gatt tkun responsabbli, fil-konfront ta' terzi, ghal djun u obbligi maghmula sal-lum* (26 ta' Novembru 1993 id-data tal-kuntratt) *minn zewgha l-komparenti Paul Gatt, izda limitatament sal-valur tal-proprjetà immobbli assenjata lilha permezz ta' dan l-att*, u jsegwi ghalhekk li dawk l-obbligi assunti minn Paul Gatt wara s-26 ta' Novembru 1993 huma ghal kollox estraneji ghar-Rikorrenti Rita Gatt.

Ic-cirkostanzi fuq liema r-Rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 ma gewx opposti jew kontestati la mis-socjetà JJ Scerri Company Limited u lanqas minn Paul Gatt.

Is-socjetà JJ Scerri Company Limited esplicitament iddikjarat illi wara li rat kemm ir-Rikors ta' Rita Gatt kif ukoll il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice datat

26 ta’ Novembru 1993 *m’ghandha ebda oggezzjoni li l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 621/10 jigi revokat fil-konfront ta’ l-istess Rita Gatt*. Addirittura affermat li *kieku giet rinfaccjata b’tali fatti direttament ma kien se jkollha ebda ezitazzjoni sabiex tiffirma d-debitu kontro-mandat fil-konfront ta’ l-istess Rita Gatt.* L-unika sottomissjoni li din is-socjetà tavvanza fil-konfront tat-talba tar-Rikorrenti hi li hija ma ghandhiex issofri l-ispejjez la ta’ dawn il-proceduri u lanqas dawk relattivi ghall-hrug tal-kontro-mandat fil-konfront ta’ Rita Gatt billi ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni hija strahet fuq id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1321 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta minn liema tirrizulta l-presunzjoni li l-beni, u b’hekk ukoll id-djun, ta’ persuna mizzewwga ghandhom jitqiesu li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti fiz-zwieg taghha.

Paul Gatt min-naha tieghu, ghalkemm notifikat bir-Rikors ta’ Rita Gatt, ghazel li ma jwegibx ghall-istess Rikors u lanqas deher ghas-seduta ffissata ghas-smigh tar-Rikors.

Kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie*: fid-dawl ta’ dan il-principju u fid-dawl tac-cirkostanzi li rrizultaw mill-atti processwali, partikolarment fin-nuqqas ta’ opposizzjoni da parte tas-socjetà JJ Scerri Company Limited u Paul Gatt ghat-talba tar-Rikorrenti, din il-Qorti hija tal-fehema li hemm elementi sufficjenti li juru li tabilhaqq ma jkunx ragonevoli u ma huwiex gustifikabbli li l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 fl-ismijiet “JJ Scerri Limited v. Paul Gatt u Rita Gatt” jinzamm fis-sehh **fil-konfront ta’ Rita Gatt**.

In quanto rigwarda l-kwistjoni ta’ l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-hrug tal-kontro-mandat opportun, fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li: (a) l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet; filwaqt li (b) l-ispejjez relattivi ghall-hrug tal-kontro-mandat opportun in segwitu ghal dan id-Digriet ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti Rita Gatt.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tar-Rikorrenti u ai termini ta’ l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna r-revoka fil-**konfront ta’ Rita Gatt** tal-Mandat ta’ Sewkestru Kawtelatorju bin-Numru 621/10 fl-ismijiet “JJ Scerri Company Limited v. Paul Gatt u Rita Gatt”, u konsegwentement tordna li jinhareg il-kontro-mandat relattiv.

L-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li l-kontro-mandat opportun ghandu jinhareg a spejjez tar-Rikorrenti Rita Gatt.

Moghti kameralment illum 16 ta’ Marzu 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------